MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 23/2006

**Dr. Massimo Vella LL.D. u martu Sharon Vella Camilleri**

**vs**

**V. Petroni (Imports) Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Ottubru, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-18 ta' Mejju 2005 fejn ir-Rikorrenti talbu danni ta' mitejn u tmienja u tletin Lira Maltin (Lm238) rapprezentanti prezz ta' T.V. Cabinet li kellu diversi difetti.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kien xtara T.V. Cabinet ghall-prezz ta' mitejn u tletin Lira Maltin (Lm238) u minkejja li hargu certu difetti u minkejja li ghal diversi drabi kellu jigi rimpjazzat u minkejja d-diferimenti kollha li nghataw, dan ma garax.

2. L-intimat issottometta illi kien lest li jbiddel il-Cabinet pero` kien qed jistenna l-merkanzija minn barra.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli u ma jistax ikun li jdum jistenna aktar minn sena minn mindu nfethet il-kawza.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitejn u tmienja u tletin lira Maltin (Lm238) bl-ispejjez kontra l-istess intimat u b' dan illi t-T.V. Cabinet jigi proprjeta` ta' l-intimat wara li jsir il-hlas."

L-appell devolut lil din il-Qorti mis-sentenza tat-Tribunal jikkontjeni, aktar minn aggravji, osservazzjonijiet generali riferibilment ghal kwestjoni tar-responsabilita`, o meno, taghha fil-vendita tat-T.V. cabinet lill-atturi;

Minn din l-impostazzjoni jitnissel bhala l-ewwel rifless illi l-appell ma jiccentra affattu xejn ma’ gravam ko-involgenti ksur tar-regola ta’ gustizzja naturali u ta’ xi pregudizzju gravi ghas-socjeta` appellanti, ghal liema l-ligi takkorda dritt ta’ appell lil din il-Qorti mid-decizjoni tat-Tribunal adit. Ara Artikolu 22 (2) ta’ l-Att XXVIII ta’ l-1994 (Kapitolu 378). F’ kull kaz, u bhala t-tieni riflessjoni, l-appell interpost hu wiehed sempliciment kontenenti l-affermazzjoni illi s-socjeta` appellanti ma accettatx it-tort u li l-oggett vendut kien ta’ kwalita tajba minghajr difetti. Anke fuq dan ikollu jinghad illi l-atti processwali ma jissufragawx din it-tezi tas-socjeta` appellanti;

Mill-kwadru tal-fatti u l-atti tal-kawza, hawn taht fil-qosor esposti, jirrizulta li:-

(1) Is-socjeta` appellanti accettat li l-oggett mibjugh kellu difetti fil-produzzjoni tieghu;
(2) Saru tiswijiet fuqu li ghall-atturi appellati ma kienux sodisfacenti;
(3) Is-socjeta` appellanti offriet li tirrimpjazzah b’ iehor ta’ l-istess tip u ghamla, pero` izghar fid-daqs. Din l-offerta ma kienetx accettabbli ghall-appellati;
(4) Fil-kors tal-procediment quddiem it-Tribunal intlahaq qbil li s-socjeta` appellanti tirtira l-oggett u tirrifondi l-prezz imhallas ghalih. Ara Verbal tal-21 ta’ Marzu 2006 a fol. 15;
(5) Is-socjeta` appellanti hadet konsenja lura tat-T.V. Cabinet pero` ir-rifuzjoni tal-prezz baqghet ma ghamlitux. Ara ittra ta’ l-attur datata 30 ta’ Mejju 2006 a fol. 14;

Huwa ferm intwittiv minn dan l-isfond illi l-inferenza logika li tohrog mill-atteggjament tas-socjeta` appellanti u tal-linja difensjonali taghha ghandha tkun fis-sens illi s-socjeta` appellanti kienet, ukoll gudizzjarjament, qeghda tikkonferma li l-oggett mibjugh u ikkonsenjat ma kienx adatt u kellu difetti. Huwa veru li dawn id-difetti kienu fil-produzzjoni ta’ l-oggett imma jibqa’ l-fatt illi s-socjeta` appellanti li spaccatu ma setghetx tinjorahom jew

tiddeklina ir-responsabilita` taghha, *qua* rivenditrici tieghu. La dan hi stess irrikonoxxietu, u sahansitra, skond il-precitat verbal, accettat li tiehdu lura u tirrimborsa lill-appellati l-prezz li thallas ghall-oggett, wehidha, din l-istess konfessjoni kellha titqies *regina probationem* u bizzejjed biex il-process jinghalaq;

Fir-rigward ta' l-ilment *in coda* ghall-appell li t-Tribunal ma qabbadx espert tekniku ghal verifika tad-difetti qed isiru dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(i) Fl-ewwel lok minn imkien mill-atti ma jirrizulta li s-socjeta` appellanti ressqet talba ghan-nomina ta' konsulent tekniku u din giet michuda lilha;

(ii) Ankorke saret talba ghal din, tajjeb li jigi mfakkar illi l-Artikolu 23 (2) (c) jipprovdi li l-arbitru "ghandu jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu l-parir espert taghhom";

(iii) Ghalkemm, kif rispekkjat minn xi decizjonijiet taghha, din il-Qorti ma qaghdetx lura milli ticcensura lit-Tribunal li ma hatarx perit ghall-ahjar gwida teknika ta' xi punt ikkontestat, fejn hekk il-kaz kien jimmerita, fil-kaz in ezami ma jidher li hemm xejn serju jew pregudizzjevoli ghas-socjeta` appellanti li jissuggerixxi soluzzjoni bhal din. Wara kollox, kif gja rilevat, l-istess socjeta` appellanti accettat l-ezistenza tad-difetti u allura tali accettazzjoni, minnha nnifisha, kienet tirrendi superfluwa kull talba ghall-hatra ta' espert tekniku;

Mill-assjem ta' dawn l-osservazzjonijiet tinzel il-konsegwenza illi, mill-punto di vista tad-dritt, l-appell qed jitqies irritwalment propost ghar-raguni li mhux koncepit fis-sens tal-ligi specjali. L-istess appell ifalli wkoll fuq il-pjan purament fattwali tal-vertenza u, allura, anke minn dan, qed jitqies inattendibbli.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment tal-pregudizzjali sollevata mill-atturi, l-appell qed jigi rigettat in kwantu irritu u null kif ukoll ghax l-istess mhux lanqas fattwalment

sostenibbli, bl-ispejjez relattivi jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------